Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2207

28.10.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2207

## tas-27 ta' Ottubru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 ([1]).

(2) Il-miżuri restrittivi stipulati fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) u (4) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 għandhom japplikaw sal-31 ta' Ottubru 2025.

(3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tirrikjedi li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu rieżaminati f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri restrittivi jiġu estiżi sal-31 ta' Ottubru 2026.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 6(6) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693, id-data "31 ta' Ottubru 2025" hija sostitwita b'dik tal-"31 ta' Ottubru 2026".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. JENSEN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1693/oj).